MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Numru 12/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Robert Cilia**
**Pauline Ruth Cilia**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzati prezentati separatament fit-30 ta' Marzu, 2010.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati Difensuri kif ukoll tal-Ufficjal Prosekutur.

Rat li t-tieni eccezzjoni giet irtirata permezz ta' nota w verbal tas-16 ta' Frar, 2011.

Rat in-nota tat-8 ta' Gunju, 2011 li biha l-akkuzati irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Ikkunsidrat :

Illi ghalhekk il-Qorti baqa` quddiemha x’tikkonsidra t-tielet u r-raba` eccezzjoni.

It-tielet wahda tirrigwarda l-inammissibilita` tar-relazzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud u konsegwentement ix-xhieda tieghu peress illi allegatament mar oltre n-nomina moghtija lilu mill-Magistrat Inkwirenti.

Ghal dak li jirrigwarda l-principju regolatur li jirrigwarda l-esperti nominati mill-Qorti, l-gurija dejjem tigi indirizzata fis-sens illi bhala regola, mhumiex obligati joqghodu fuq l-opinjonijiet tal-esperti mahtura mill-Qorti, pero` dana ma jistghux jaghmluh kapriccozament minghajr ma jkollhom xi relazzjoni ta’ espert iehor li jikkontradixxi l-ewwel relazzjoni.

F’dan il-kaz il-Qorti rat in-nomina tal-espert l-ispizjar Mario Mifsud illi gie mahtur mill-Qorti tal-Magistrati bhala “espert mediku” biex jistabbilixxi l-fatti. A fol. 167 hemm ix-xhieda ta’ Mario Mifsud illi ghamel analizi ta’ erba` dokumenti illi gew prezentati lilu. Dawn id-dokumenti kien fihom pilloli ghall-analizi u l-ispizjar ghamel hekk u esebixxa r-relazzjoni tieghu. Veru illi n-nomina setghet kienet formulata ahjar peress illi bhala spizjar Mario Mifsud ma kellux ikun jigi nominat bhala “espert mediku” pero` r-relazzjoni hija fl-ambitu` tas-sengha w l-professjoni tieghu u ma marx oltre minn hekk.

Il-Qorti tqis illi hemm certu affinita` bejn il-professjoni medika w dik ta’ spizjar u mhux l-ewwel darba illi l-pubbliku jirrikorri ghand l-ispizjar ghal xi parir mediku, ghalhekk facli illi dawn iz-zewg professjonijiet jintriccaw fuq xulxin ghad illi huma distinti u separati. Ghalhekk ladarba l-ispizjar Mario Mifsud gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti u r-relazzjoni tieghu qeghda fl-ambitu` tas-sena w professjoni tieghu minkejja illi n-nomina setghet giet formulata ahjar, ma jidhirlix illi dan iwassal ghall-estrem ta’ nullita` li jwassal ghall-isfilz tar-relazzjoni u x-xhieda tieghu.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi illi tichad din it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat.

Ghal dak illi jirrigwarda r-raba` eccezzjoni u cioe` l-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' Dr. Vincent Galea inkwantu tikkostitwixxi "hearsay evidence", l-Qorti tirrileva illi l-Avukat Galea kull ma ghamel hija ittra lil banek biex dawn ifornu informazzjon dwar kontijiet illi kellhom l-akkuzati. Dana jista` jaghti kaz illi huwa xiehda fuq kliem haddiehor u ghalhekk bhala regola huwa projbit skond id-dispost tal-artikolu 598 tal-Kap. 12 res applikabbli bl-artikolu 645 tal-Kap. 9, pero` l-Qorti tista` f'certa cirkostanzi jekk ix-xhieda tkun ta' "importanza sostanzjali" tordna illi din ix-xiehda tinstema` xorta wahda skond id-dizpost tal-artikolu 599 tal-istess Kap. 9.

Ghalhekk il-Qorti tirrizerva li tiddeciedi fuq din l-eccezzjoni fl-udjenza wara li tqis ix-xhieda tal-istess Avukat Vincent Galea sabiex tara jekk dik ijhiex ta' "importanza sostanzjali" ghal kawza jew le.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------